A.L. 339 ta' l-2005

ATT DWAR IS-SIGURTÀ FL-IKEL
(KAP. 449)

Regolamenti ta' l-2005 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Twaħħil ta' Tikketti, Preżentazzjoni u Riklamar ta' Oġġetti ta' l-Ikel (Emenda Nru. 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat motgħtija bl-artiklu 10 ta' l-Att dwar is-Sigurtà fl-Ikel, il-Ministru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2005 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Twaħħil ta' Tikketti, Preżentazzjoni u Riklamar ta' Oġġetti ta' l-Ikel (Emenda Nru. 2), u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-2004 dwar Twaħħil ta' Tikketti, Preżentazzjoni u Riklamar ta' Oġġetti ta' l-Ikel, hawn iktar 'il quddiem imsejħin "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 483 ta' l-2004.

Skop.

2. Dawn ir-regolamenti jimplimentaw il-provvedimenti tad-Direttiva tal-Kummissjoni 2005/26/KE tal-21 ta' Marzu, 2005.

Bidu fis-seħħ.

3. Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fil-25 ta' Novembru, 2005.

Jemenda t-Tielet Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

4. Minnufih fi tmiem Parti B tat-Tielet Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali, għandha tiżdied il-Parti Ċ ġdida li ġejja:-

" PARTI Ċ

Lista ta' ingredienti ta' l-ikel u sustanzi li huma proviżorjament eskluzi sal-25 ta' Novembru, 2007 mill-Parti B ta' din l-Iskeda

Ingredienti	Prodotti li ġejjin minnu eskluzi provisjonalment
Ċereali li fihom il-glutina	- Ġuleppijiet tal-glukosju magħmulin mill-qamħ inkluż id-destrosju (1) - Maltodestrini magħmulin mill-qamħ (1) - Ġuleppijiet tal-glukosju magħmulin mix-barli - Ċereali użati fid-distillati għall-ispirti
Bajd	- *Lysozym* (magħmul mill-bajd) użat fl-inbid - Albumina (magħmulha mill-bajd) użata bħala aġent finitur fl-inbid u s-sidru
Ħut	- Ġelatina tal-ħut użata bħala *carrier* għall-vitamini u togħmiet - Ġelatina tal-ħut jew *Isinglass* użata bħala aġent finitur fil-birra, fis-sidru u fl-inbid
Sojja	- Żejt u xaħam tas-sojja raffinat kompletament (1) - *Tocopherols* naturali mħallta (E306), D-alfa *tocopherol* naturali, aċetat tad-D-alfa *tocopherol* naturali, sukkinat tad-D-alfa *tocopherol* naturali li joriġinaw mis-sojja - Fitosteroli magħmulin miż-żjut veġetali u esteri tal-fitosteroli magħmulin mis-sojja - *Stanol* esteri ġejjin minn pjanti magħmulin minn *sterols* taż-żejt veġetali tas-sojja.
Ħalib	- Ħliefa użata fid-distillati għall-ispirti - Laktitol - Prodotti tal-ħalib (kasseina) użata bħala aġent finitur fis-sidru u fl-inbejjed
Ġewż	- Ġewż użat fid-distillati għall-ispirti - Ġewż (lewż, ġewż) użati (bħala togħmiet) fl-ispirti
Krafes	- Żejt tal-weraq u taż-żerriegħa tal-karfus - Oleoreżina taż-żerriegħa tal-karfus
Mustarda	- Żejt tal-mustarda - Żejt taż-żerriegħa tal-mustarda - Oleoreżina taż-żerriegħa tal-mustarda
(1) u prodotti ġejjien minnhom, sakemm l-ipproċessar li għaddew minnu ma żiedx il-livell ta' allerġeniċità kif evalwat mill-*European Food Safety Authority* għall-prodott relevanti li oriġinaw minnu.".	